

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2014 flimkien mar-risposta tal-Aġenzija

(2015/C 409/27)

INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea (l-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji) (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija", magħrufa wkoll bħala l-“ERA”), li tinsab f'Lille u f'Valenciennes, inħolqot bir-Regolament (KE) Nru 881/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾. Il-kompitu tal-Aġenzija huwa li żżid il-livell ta' interoperabbiltà tas-sistemi ferrovjarji u li tiżviluppa approċċ komuni għas-sigurtà sabiex tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' settur ferrovjarju Ewropew aktar kompetittiv b'livell għoli ta' sigurtà ⁽²⁾.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll tal-Aġenzija. Dan huwa ssupplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

- (a) il-kontijiet annwali tal-Aġenzija, li jinkludu r-rapporti finanzjarji ⁽³⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ⁽⁴⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Il-maniġment huwa responsabbli mit-tħejji u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi ⁽⁵⁾:

- (a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejji u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-bażi tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ⁽⁶⁾; it-tħejji ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Aġenzija wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun hejjehom fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fiha huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandni aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija fl-aspetti materjali kollha.
- (b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi superviżjoni adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

⁽¹⁾ ĠU L 220, 21.6.2004, p. 3.

⁽²⁾ L-Anness II jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Aġenzija. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽³⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u r-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁴⁾ Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

⁽⁵⁾ L-Artikoli 39 u 50 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 (ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42).

⁽⁶⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni huma dderivati mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-bażi tal-awditu tagħha, ttipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ⁽⁷⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

6. L-awditu jinvolvi t-tweġiq ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' superviżjoni u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolvi wkoll l-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet. Fit-tħejija ta' dan ir-rapport u d-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni, il-Qorti qieset ix-xogħol tal-awditjar li l-awditur indipendenti estern wettaq fuq il-kontijiet tal-Aġenzija kif stipulat fl-Artikolu 208(4) tar-Regolament Finanzjarju tal-UE ⁽⁸⁾.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex ttipprovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2014 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjonijiet tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA

11. Il-livell kumplessiv ta' approprijazzjonijiet impenjati kien għoli f'livell ta' 97 %. Madankollu, kien hemm ukoll livell għoli ta' approprijazzjonijiet impenjati riportati għall-baġit operazzjonali (it-Titolu III) f'livell ta' EUR 2,2 miljun, jiġifieri 37,7 % (2013: EUR 1,6 miljun, jiġifieri 25 %) minħabba fi proġetti operazzjonali li ddewmu (sigurtà, Is-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju – ERTMS) u proġetti tal-IT li ddewmu. Din is-sitwazzjoni tmur kontra l-prinċipju baġitarju tal-annwalità.

KUMMENTI OĦRA

12. Meta kienet qed timplimenta kuntratt qafas multiplu dwar is-segwitu tal-proġett ERTMS, l-Aġenzija reġgħet fetħet proċedura ta' kompetizzjoni għall-għoti ta' kuntratt speċifiku. Madankollu, kemm il-ponderazzjoni eċċessiva tal-kwalità kif ukoll il-valur massimu għoli tal-kuntratt fil-ftuħ mill-ġdid tal-offerta rriżultaw f'offerta finanzjarji qrib għall-valur massimu tal-kuntratt. Dan huwa f'kontradizzjoni mal-oġġettiv tal-ftuħ mill-ġdid ta' proċedura ta' kompetizzjoni, li huwa li tiġi żgurata kompetizzjoni fuq il-prezz.

⁽⁷⁾ L-Artikolu 107 tar-Regolament (UE) Nru 1271/2013.

⁽⁸⁾ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SNIN PREĊEDENTI

13. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi li ttieħdu b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-snin preċedenti tingħata fl-Anness I.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxja mis-Sur Milan Martin CVIKL, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-8 ta' Settembru 2015.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

ANNEX I

Segwitu għall-kummenti mis-snin preċedenti

Sena	Kumment tal-Qorti	Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata/Għadha għaddejja/ Pendenti/M/A)
2011	Ir-Regolament Fundatur tal-Aġenzija jistabbilixxi perjodi massimi ta' impjieg għall-persunal temporanju rrekutat mill-Aġenzija mill-professjonisti tas-settur ferrovjarju. Skont dawn id-dispożizzjonijiet, l-Aġenzija se jkollha tissostitwixxi nofs il-persunal operazzjonali tagħha fil-perjodu 2013-2015, u dan jista' joħloq taqlib kbir fl-attivitajiet operazzjonali tal-Aġenzija ⁽¹⁾ .	Għadha għaddejja
2011	Hemm lok biex jittejjbu l-proċeduri ta' reklutaġġ tal-Aġenzija sabiex jiġu żgurati bis-sħiħ it-trasparenza u t-trattament indaqs tal-kandidati. Pereżempju, l-avviżi ta' postijiet battala ma tawx informazzjoni dwar l-għadd minimu ta' snin ta' studji postsekondarji jew universitarji meħtieġa għalkemm dan intuża bħala kriterju tal-għażla. Il-marki minimi meħtieġa għall-intervisti u għal-listi ta' riżerva, il-punteġġi tal-kriterji tal-għażla, il-mistoqsijiet għat-testijiet bil-fomm u bil-miktub u l-ponderazzjonijiet bejn it-testijiet bil-miktub u bil-fomm ma ġewx stabbiliti qabel ma ġew eżaminati l-applikazzjonijiet.	Għadha għaddejja
2012	L-Aġenzija ma tikkonformax mal-Istandard ta' Kontroll Intern tagħha fir-rigward tal-kontinwità tal-operat; ma hemmx pjanijiet approvati għall-Kontinwità tan-Negożju u l-Irkupru minn Diżastru fl-IT.	Ikkompletata
2013	Hemm lok biex jittejjbu l-preċiżjoni u d-dokumentazzjoni ta' informazzjoni użati fil-proċeduri ta' akkwist tal-Aġenzija.	Ikkompletata

Sena	Kumment tal-Qorti	Status tal-azzjoni korrettiva (lkkompletata/Għadha għaddejja/ Pendenti/M/A)
2013	Skont ir-regolament fundatur tal-Aġenzija ⁽¹⁾, il-persunal għandu jikkonsisti minn:— — impjegati temporanji rekrutati mill-Aġenzija għal massimu ta' ħames snin minn fost professjonisti mis-settur ferrovjarju, abbażi tal-kwalifiki u l-esperjenza tagħhom fil-qasam tas-sigurtà u l-interoperabbiltà ferrovjarja; — uffiċjali assenjati jew sekondati mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri għal massimu ta' ħames snin; u — ħaddiema oħra biex iwettqu kompiti implimentattivi jew segretarjali. Fi tmien l-2013, 136 impjegat temporanju kienu jaħdmu għall-Aġenzija. Ir-regolament fundatur jistipula wkoll li matul l-ewwel 10 snin ta' operat tal-Aġenzija, il-perjodu ta' 5 snin għalihom jista' jiġi estż b'massimu ta' 3 snin oħra meta meħtieġ biex tiġi garantita l-kontinwità tan-negozju. L-Aġenzija użat din il-possibbiltà bħala Prattika standard sa nofs l-2013. Barra minn hekk, fil-perjodu minn Settembru 2013 sa Marzu 2014, l-Aġenzija impjegat mill-ġdid erba' impjegati temporanji (għal perjodu ta' tmien snin) li l-kuntratti tagħhom mal-ERA kienu intemmu fl-2013 wara l-perjodu massimu ta' tmien snin. Fl-2013, l-Aġenzija adottat deċiżjoni ġdida bi ftehim mal-Bord Amministrattiv tagħha u l-Kummissjoni, skont liema l-impjegati temporanji jista' jkollhom kuntratti indefiniti. Il-proposta għal regolament fundatur rivedut għall-ERA tinkludi dispożizzjonijiet simili iżda mhuwex ċar jekk u meta din se tiġi adottata mill-Parlament u mill-Kunsill.	Għadha għaddejja
2013	L-Aġenzija tinsab f'Lille u f'Valenciennes. Kif semmiet il-Qorti fir-Rapport Annwali Speċifiku tagħha għas-sena finanzjarja 2006, huwa probabbli li l-ispejjeż jistgħu jitnaqqsu jekk l-operat kollu jiġi ċċentralizzat f'post wieħed. Dan għandu mnejn ukoll jiffaċilita ftehim komprensiv dwar is-sede mal-Istat Membru ospitanti, biex b'hekk jiġu kkjarifikati l-kundizzjonijiet li taħtom l-Aġenzija u l-persunal tagħha joperaw.	Għadha għaddejja

⁽¹⁾ L-Artikolu 24(3) tar-Regolament (KE) Nru 881/2004.

ANNEX II

L-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea (Lille u Valenciennes)

Kompetenzi u attivitajiet

Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni li jidderiwaw mit-Trattat (L-Artikolu 91(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)	“Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 90, u filwaqt li jitqiesu l-fatturi partikolari tat-trasport, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja u wara li jikkonsultaw mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni, għandhom jistabbilixxu: (a) regoli komuni li japplikaw għat-trasport internazzjonali lejn jew mit-territorju ta' Stat Membru jew li jaqsam it-territorju ta' Stat Membru wieħed jew aktar, (b) il-kundizzjonijiet li jirregolaw il-mod li bih trasportaturi mhux residenti jistgħu joperaw servizzi ta' trasport f'xi Stat Membru, (c) miżuri li jtejbju s-sigurtà fit-trasport, (d) provvedimenti oħra xierqa.”
Kompetenzi tal-Aġenzija (Ir-Regolament (KE) Nru 881/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill)	Għanijiet Li tikkontribwixxi, f'materji tekniċi, għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni mmirata lejn: — it-titjib tal-pożizzjoni kompetittiva tas-sistemi ferrovjarji, — l-iżvilupp ta' approċċ komuni għas-sigurtà fis-sistema ferrovjarja Ewropea, sabiex tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' żona ferrovjarja Ewropea mingħajr fruntieri u għall-garanzija ta' livell għoli ta' sigurtà. Kompiti 1. Li tindirizza rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar: — il-metodi komuni tas-sigurtà (CSM) u l-miri komuni tas-sigurtà (CSTs) stipulati fid-Direttiva fuq is-Sigurtà tal-Linji tal-Ferrovja (2004/49/KE), — iċ-ċertifikati tas-sigurtà u l-miżuri fil-qasam tas-sigurtà, — l-iżvilupp ta' speċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà, — il-kompetenzi vokazzjonali, — ir-reġistrazzjoni ta' vetturi ferrovjarji. 2. Li tagħti opinjonijiet dwar: — ir-regoli nazzjonali tas-sigurtà, — il-monitoraġġ tal-kwalità tax-xogħol tal-korpi nnotifikati, — l-interoperabbiltà tan-netwerk trans-Ewropew. 3. Li tikkoordina lil korpi nazzjonali: Il-koordinazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali tas-sigurtà u l-entitajiet (korpi) investigattivi nazzjonali (kif deskritt fid-Direttiva 2004/49/KE, l-Artikoli 17 u 21).

	4. Pubblikazzjonijiet u databases: — rapport dwar il-prestazzjoni tas-sigurtà (kull sentejn), — rapport dwar il-progress fl-interoperabbiltà (kull sentejn), — database pubbliku ta' dokumenti tas-sigurtà, — reġistru pubbliku ta' dokumenti dwar l-interoperabbiltà.
Governanza	Bord Amministrattiv Magħmul minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru, erba' rappreżentanti mill-Kummissjoni, u sitt rappreżentanti, mingħajr dritt għall-vot, mis-setturi professjonali kkonċernati. Direttur Maħtur mill-Bord Amministrattiv fuq proposta mill-Kummissjoni. Awditu estern Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Awtorità ta' kwittanza Il-Parlament Ewropew, fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill.
Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2014 (2013)	Baġit EUR 25,7 (25,8) miljun Persunal fil-31 ta' Diċembru 2014 Postijiet elenkati fit-tabella tal-persunal: 140 (143) Postijiet okkupati fil-31.12.2014: 132 (135) Persunal ieħor: 19 (15) Total tal-persunal: 151 (150), li minnhom allokatu għal: — kompiti operazzjonali: 117 (116) — kompiti amministrattivi: 34 (34)
Prodotti u servizzi fl-2014	Żvilupp ta' pjan ta' programm li jistabbilixxi l-miri intermedjarji għat-twassil ta' ċertifikat uniku tas-sigurtà. Monitoraġġ ta' u rapport ta' kull sentejn dwar il-prestazzjoni tas-sigurtà. Evalwazzjoni tat-traspożizzjoni tad-Direttiva fuq is-Sigurtà. Awditi tal-ASN. Valutazzjonijiet tan-NIB. Abbozzar ta' rakkomandazzjoni dwar Metodu Komuni tas-Sigurtà. rivedut għall-valutazzjoni tas-CSTs u l-NRVs.

	Rappurtar annwali dwar is-CSTs. Tmexxija ta' programm pilota fuq matriċi ta' monitoraġġ regolatorja ġdida. Analiżi tal-qafas attwali dwar il-valutazzjoni u s-superviżjoni mill-ASN. Implimentazzjoni ta' TSIs b'ambitu ġeografiku estiż u gwida, appoġġ u għoti ta' pariri lis-settur ferrovjarju u lill-Istati Membri meta jkunu qed jimplimentaw it-TSIs telematiċi. Reviżjoni tal-PRM TSI. Għeluq tal-punti miftuħin li fadal. Żvilupp tad-Database ta' Dokumenti ta' Referenza. Faċilitar tal-prova tal-awtorizzazzjonijiet għal "one-stop-shop". Faċilitar tal-migrazzjoni għar-Raba' Pakkett Ferrovjarju. Segwitu tal-iżvilupp, l-ittestjar u l-implimentazzjoni tal-ERTMS. Żvilupp ta' pjan direzzjonali li jippermetti l-komunikazzjonijiet tal-ETCS dwar teknoloġiji tar-radju skambjati f'pakkett (packet-switched). Żvilupp u pubblikazzjoni ta' dokumenti ta' linji gwida għas-simplifikazzjoni u l-istandardizzazzjoni tal-inġinerija fir-rigward tal-ERTMS. Appoġġ ta' operazzjonijiet armonizzati mal-ERTMS. Kooperazzjoni mal-Aġenzija Eżekuttiva INEA fl-evalwazzjoni ta' proġetti speċifiċi tal-ERTMS. Implimentazzjoni kontinwa tal-għodod u r-riżorsi xierqa sabiex issir organizzazzjoni moderna li tista' tadatta malajr għal kwalunkwe bidla.
--	--

Sors: Anness ipprovdut mill-Aġenzija.

IT-TWEĠIBA TAL-AĠENZJA

11. L-Aġenzija ħadet notta tal-kumment tal-Qorti u kompliet ittejjeb il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni baġitarja ta', b'mod partikolari, it-titolu III li għandha tgħin biex jintlaħaq livell aċċettabbli ta' approprjazzjonijiet li għandhom jiġu riportati fil-futur.

12. L-Aġenzija ħadet nota tal-kumment tal-Qorti u qiegħda tħejji gwida interna dwar l-użu tal-ftuħ mill-ġdid ta' proċedura ta' kompetizzjoni biex tiżgura kompetizzjoni aħjar dwar il-prezz.
